MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 276/1998/1

**Michele u Carmen konjugi Lanteri**

**vs**

**Francis Bezzina Wettinger u Kevin Attard**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni promotrici datata d-9 ta' Frar, 1998, li permezz taghha l-atturi sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi b'zewg kuntratti separati datati l-1 ta' Dicembru, 1994, l-attur xtara l-makkinarju industrijali hemm indikat minghand Carmelo Cachia, flimkien ma' oggetti ohra ghall-prezz komplessiv ta' sitt elef u sitt mitt Lira Maltin, (LM6,600.00), (ara fol 1);

1.2. Illi biex jixtri l-istess oggetti indikati fil-paragrafu precedenti, l-attur issellef minghand il-konvenut Bezzina Wettinger;

1.3. Illi hadd mill-konvenuti ma kien kompartecipi fix-xiri tal-oggetti in dizamina stante li dawn inxtraw esklussivament mill-attur Michele Lanteri;

1.4. Illi l-makkinarju *de quo* tpoggew fil-mahzen "*Chief Garage*", Triq Witja, Hat-Tarxien, li hu mikri lis-socjeta` "*EuroFinance Limited*" u lil Michele Lanteri konikwilini;

1.5. Illi bhala konikwilin, l-imsemmi Lanteri dejjem hallas sehemu mill-kera u kellu access ghall-mahzen *de quo*;

1.6. Illi in effetti l-istess Lanteri ghandu hwejjeg ohra fil-mahzen *de quo*;

1.7. Illi l-konvenuti abbuzivament qed jivvantaw xi dritt ta' proprjeta` fuq il-makkinarju *de quo*;

1.8. Illi fil-Milied ta' l-1997 unilateralment biddlu s-serratura tal-mahzen in dizamina biex cahdu lill-atturi mill-access ghall-istess mahzen u ghall-uzu tal-proprjeta` taghhom fl-istess mahzen;

1.9. Illi nonostante li gew interpellati biex jirritornaw il-makkinarju *de quo* flimkien ma' l-oggetti l-ohra, baqghu inadempjenti;

1.10. Illi l-atturi ottenew mandat t'inibizzjoni biex b'hekk inibew lill-konvenuti milli jbieghu jew b'xi mod jitrasferixxu l-istess oggetti in dizamina jew li johorguhom mill-garaxx *de quo*;

1.11. Illi dan l-agir abbuziv tal-konvenuti qed jirrekka danni materjali lill-atturi;

1.12. Illi rizultat ta' dan l-atturi wehlu penali ta' hmistax –il elf Lira Maltin, (LM15,000.00), fuq il-mankata esekuzzjoni ta' kuntratt ghaliex ma kienux f'pozizzjoni jitrasferixxu l-makkinarji in kwistjoni;

1.13. Illi jinsabu wkoll fi stat li jehlu aktar danni f'forma ta' penali jekk ma jonorawx, imhabba f'hekk, kuntratti ohra;

1.14. Illi wkoll qed isofru danni ohra stante li la tilfu l-bejgh tal-makkinarju ewlieni, m'ghandhomx access ghall-fond fejn jinsab dan il-makkinarju u lanqas jistghu juzaw l-istess proprjeta`;

1.15. Illi konsegwenza tal-istess ma jistghux juzaw il-makkinarju in dizamina ghall-immanifatturar tat-twapet;

1.16. Illi ghal dawn id-danni huma responsabbli l-konvenuti;

1.17. Illi ghalhekk l-atturi aderew din il-qorti biex il-konvenuti jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1.17.1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-atturi huma l-proprjetarji tal-imsemmija makkinarju industrijali u oggetti ohra indikati;

1.17.2. Tiddeciedi u tiddikjara li l-agir tal-konvenuti irrekka danni lill-atturi ammontanti ghal hmistax –il elf Lira Maltin, (Lm15,000.00), peress li l-atturi kellhom ihallu l-penali fuq riferita;

1.17.3. Tordna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi hmistax –il elf Lira Maltin, (LM15,000.00);

1.17.4. Tiddeciedi u tiddikjara li l-agir tal-konvenuti irrekka danni lill-atturi konsistenti f'telf ta' profitti jew qliegh iehor u tillikwida l-istess danni sofferti, okkorrendo, permezz ta' periti nominandi;

1.17.5. Tordna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati;

1.17.6. Tikkonferma l-mandat t'inibizzjoni *de quo* ghar-raguni indikata fic-citazzjoni promotrici, (ara fol 2);

1.17.7. Tiddikjara li l-konvenuti qed izommu ghandhom l-imsemmi makkinarju industrijali u oggetti ohra abbuzivament u minghajr ebda dritt;

1.17.8. Tordna lill-konvenuti jirritornaw lill-atturi l-makkinarju industrijali u l-oggetti in dizamina;

1.17.9. Bl-ispejjez kif indikati fl-istess citazzjoni u bl-imghaxijiet kummercjali kontra l-konvenuti;

2.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata l-21 t'April, 1998, li permezz taghha sintetikament eccepew is-segwenti:

2.1. Illi t-talbiet attrici huma infondati;

2.2. Illi l-atturi m'ghandhomx interess fl-ezitu ta' din il-kawza stante li d-danni sofferti kienu sofferti minn socjeta` estera *Euro Carpet Srl* registrata l-Italia u mhux mill-attur Michele Lanteri personalment;

2.3. Illi ghalhekk il-konvenuti m'ghandhomx:

2.3.1. La jigu dikjarati responsabbli ghall-hlas ta' kwalsiasi danni; u

2.3.2. Lanqas ghall-kundanna tal-hlas ta' danni allegati mill-atturi;

2.4. Illi ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2.5. Illi l-atturi ma sofrewx danni, u jekk sofrew, dawn kienu unikament responsabbilta` taghhom;

2.6. Illi l-konvenuti fl-1995 xtraw sehem mill-makkinarju *de quo* kif jirrizulta minn ricevuta u cekk ipprezentati in atti, (ara fol 20 u 21);

2.7. Illi ghandhom ukoll dikjarazzjoni ta' Boian Tchanev, datata t-8 ta' Jannar, 1998, fejn jirrizulta li huma

l-erba' komproprjetarji ta' "*Pickering Autotuft" machine* u mhux kif dikjarat mill-atturi;

2.8. Illi l-magni industrijali kollha huma komproprjeta` tal-atturi u tal-konvenuti f'ishma ta' nofs indiviz, u kull wahda giet imhallsa kollha mill-konvenut Bezzina Wettinger;

2.9. Illi l-mandat t'inibizzjoni *de quo* jinqaleb b'kontro mandat bl-ispejjez kontra l-atturi;

2.10. Illi l-kontendenti kellhom il-hsieb li jwaqqfu socjeta` f'Malta li taghmel it-twapet, iffurmaw socjeta` appozitament ghal dan il-ghan izda sussegwentement iddecidew li jbieghu l-makkinarju involut;

2.11. Illi fil-frattemp, Boian Tchanev biegh sehemu lil Michele Lantieri;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-28 ta' Marzu, 2006, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikata bhala Imhallef Supplenti, (ara fol 205);

4. Rat id-digriet taghha datat l-10 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu awtorizzat lill-partijiet biex jitrattaw il-kawza bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 371);

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti rispettivament datati l-21 ta' Marzu, u t-12 t'April, it-tnejn tal-2013, (ara fol 372 u 377);

6. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

7.0. Illi l-atturi sintetikament isostnu s-segwenti:

7.1. Illi l-kontendenti qablu li jaghmlu n-negozju tal-manifattura tat-twapet f'Malta;

7.2. Illi fl-1 ta’ Dicembru, 1994, l-attur xtara diversi magni *second-hand* li jintuzaw ghal din il-manifattura ghall-prezz ta’ elfejn u sitt mitt Lira Maltin, (LM2,600.00), li kellhom jithallsu f’erba’ pagamenti rateali, ta’ sitt mija u hamsin Lira Maltin, (LM650.00) –il wiehed sa Settembru, 1995, (ara fol 6 u 7);

7.3. Illi fl-istess gurnata indikata fil-paragrafu precedenti sar ftehim iehor bejn l-istess persuni fuq indikati fejn l-attur xtara magna ohra akbar ghall-prezz t’erbat elef Lira Maltin, (LM4,000.00), fejn anke l-konvenut Attard jirrizulta li ffirma l-iskrittura *de quo*;

7.4. Illi l-konvenuti thajru jidhlu fin-negozju tal-attur u inthalaq ftehim bejniethom biex titwaqqaf kumpanija ghal dan l-iskop;

7.5. Illi l-partijiet ftiehmu li la darba titwaqqaf il-kumpanija l-attur jitrasferixxi l-makkinarju *de quo* lil din il-kumpanija gdida;

7.6. Illi peress li l-attur kellu jirritorna l-Italja, informa lil Cachia, li l-konvenut Bezzina Wettinger kien iqisu bhala rapprezentant tieghu;

7.7. Illi eventwalment il-konvenut Bezzina Wettinger kien hallas il-bilanc dovut lil Cachia u konsegwentement, talab il-makkinarju, li inghatalu;

7.8. Illi meta l-attur irritorna Malta l-kontendenti qabblu li jibbilancjaw kollox bejniethom;

7.9. Illi effettivament ma sar xejn min dan u eventwalment l-attur beda jfittex li jbiegh il-makkinarju *de quo*;

7.10. Illi l-attur sab il-bejgh tal-makkinarju *de quo* li kien ghadu qed jinzamm fil-garaxx Hat-Tarxien;

7.11. Illi peress li l-konvenut Bezzina Wettinger kien lahaq hallas tlett pagamenti rateali fuq riferiti, (ara

paragrafu seba’ punt tnejn (7.2), aktar qabel), allura dan imblokka l-bejgh tal-makkinarju kollu, anke fizikament;

7.12. Illi x-xerrej tal-makkinarju in dizamina kien l-attur Lanteri wahdu;

7.13. Illi d-danni sofferti mill-atturi jammontaw ghal hamsa u tletin elf Ewro, (€35,000.00), oltre somma ohra *arbitrio boni viri* ghal spejjez ohra minnhom inkorsi;

8.0. Illi l-konvenuti sintetikament isostnu s-segwenti:

8.1. Illi l-makkinarju involut hu proprjeta` tal-kontendenti b’mod indiviz;

8.2. Illi l-pagamenti li ghamlu l-konvenuti ma kienx b’self imma hlas ta’ sehemhom;

8.3. Illi Lanteri, Attard, Bezzina Wettinger u Tchanev kienu spezzjonaw il-magni *de quo* qabel ma nxtraw u hargu mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM125.00), kull wiehed bhala depozitu;

8.4. Illi meta inxtrat il-magna l-principali hallsu tmien mija u hamsa u sebghin Lira Maltin, (LM875.00), kull wiehed lill-attur bhala akkont ghall-istess magna;

8.5. Illi sussegwentement il-kontendenti xtraw magni ohra zghar fl-ammont t’elfejn u sitt mitt Lira Maltin, (LM2,600.00), minghand Cachia;

8.6. Illi l-ispejjez ghat-trasport tal-magni dejjem thallsu mill-konvenut Bezzina Wettinger li wkoll kera mahzen Hat-Tarxien biex jahzen l-istess magni;

8.7. Illi qatt ma kien hemm skrittura ta’ self bejn il-kontendenti;

8.8. Illi d-danni sofferti mill-attur kienu ikkagunati minnu stante agir abbuziv u illegali tieghu li bihom ippregudika l-interessi tal-komproprjetarji;

8.9. Illi ghalhekk it-talbiet tal-atturi huma infondati;

8.10. Illi rigward l-allegazzjoni dwar in-nuqqas t'interess guridiku sollevat mill-konvenuti jinghad li l-allegati danni sofferti, *se mai*, gew sofferti is-socjeta` taljana *EuroFinance* u mhux l-attur;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi tenut kont tas-suespost jista' sintetikament jigi sottolineat is-segwenti:

9.1. Illi l-atturi qed jikkontendu li minhabba l-agir tal-konvenuti huma soffrew danni li ghandhom jigu risarciti ghalihom;

9.2. Illi ghalhekk giet intavolata l-procedura odjerna;

10.0. Illi fir-rigward jirrizulta s-segwenti:

10.1. Illi permezz tal-iskritturi privati datati t-tnejn l-1 ta' Dicembru, 1994, il-protagonisti tal-istess jirrizultaw b'mod inekwivokabbli li kienu l-atturi Lanteri u Carmelo Cachia, (ara fol 6 u 7);

10.2. Illi l-konvenuti Bezzina Wettinger u Attard imkien ma jiffiguraw fl-istess skritturi;

10.3. Illi ghalhekk il-konvenuti huma estranei ghan-negozju *de quo*;

Ikkunsidrat:

11. Illi mill-qbija xejn aktar ma jirrizulta b'certezza f'din il-procedura stante li l-kontendenti jfornu versjonijiet li separatament u oggettivament jistghu it-tnejn jigu accertati bhala veritjeri jew skartati stante li m'humiex debitament avallati oggettivament;

12. Illi ghaldaqstant din il-qorti mhix sodisfatta li l-atturi ipprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi;

13. Illi l-allegazzjonijiet kollha tal-partijiet ma gewx oggettivament assodati skont il-ligi u konsegwentement din il-qorti hi prekluza milli takkolji t-talbiet tal-atturi;

**DECIDE:**

14. Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ma tqisx li l-atturi ippruvaw il-kaz taghhom skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li takkolji t-talbiet tal-konvenuti, tirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjez.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------